MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 560/2007

**Elmo Insurance Ltd**
**C 3500**

**Vs**

**Josephine Baldacchino**
**ID 517141M**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta’ Lulju, 2007 fejn is-socjeta attrici qalet illi Charles Baldacchino zewg il-konvenuta Josephine Baldacchino u missier il-konvenuti l-ohra kien fadallu jaghti meta miet, lill-kumpanija attrici s-somma ta’ elf mitejn disgha u sebghin lira maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1,279.24) u cioe ekkwivalenti ghal elfejn, disa’ mija disgha u sebghin ewro u tlieta tmenin centezmu (€2,979.83) bilanc ta’ somma akbar dovuta bhala premiums fuq poloz ta’

assikurazzjoni mahruga favur tieghu mill-kumpanija attrici skond il-kont dettaljat a fol 2 tal-process.
Il-kumpanija attrici interpellat f'ittra ufficjali tat-12 ta' Mejju, 2006 lill-konvenuti biex ihallsu l-imsemmija somma bl-imghax ta' 8% fis-sena mid-29 ta' Novembru, 2004 izda kien ghalxejn.

Ghalhekk il-kumpanija attrici ghaddiet biex taghmel din il-kawza fejn qed titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-imsemmija somma ta' elf mitejn disgha u sebghin lira maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1,279.24) u cioe ekkwivalenti ghal elfejn, disa' mija disgha u sebghin ewro u tlieta tmenin centezmu (€2,979.83) u titlob ukoll li jhallsu l-imghax flimkien mal-isepjjez totali tal-procedura inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid pprezentat fil-Qorti tal-Magistrati.

Illi wara li giet debitament notifikata u ma rrispondietx fiz-zmien mghoti mill-ligi, l-konvenuta Josephine Baldacchino pprezentat rikors sabiex ma tinghatax sentenza wara li lanqas dehret ghas-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2007. F'din is-seduta kien xehed Joseph Mula li kkonferma li l-konvneuta ghadha debitrici fil-konfront tas-socjeta attrici fl-ammont ta' elf mitejn u disgha u sebghin lira maltaija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1279.24) u cioe ekkwivalenti ghal elfejn, disa' mija disgha u sebghin ewro u tlieta tmenin centezmu (€2,979.83). Il-konvenuta talbet sabiex tigi permessa tipprezenta risposta.

Illi fit-13 ta' Novembru, 2007 il-konvenuti pprezentaw risposta fejn eccepew illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuti rrinunzjaw ghall-eredita' tal-mejjet zewgha u missierhom skond id-dokumnet JB1 a fol 12 tal-process.

Illi barra minhekk, bla pregudizzju ghal premess il-gudizzju mhux integru stante illi Maryanne Debono, bint l-istess Charles Baldacchino mhix citata in kawza u ghalhekk ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artiklu 2156 tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fil-mertu u bla

pregudizzju ghal premess la Charles Baldacchino u wisq inqas huma kellhom jghatu xi haga lis-socjeta attrici.

Illi hija qatt bhala mart il-mejjet Charles Baldacchino ma ggarantiet id-dejn li setgha ghamel zewgha u ghalhekk skond l-Artiklu 1324 tal-Kap 16 atti normali ta' gestjoni, kummerc negozju jew professjoni ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun tezercita u anki jekk dan kien jikkostitwixxi amministrazzjoni straordinarja u ghalhekk ghandha tigi lliberata wkoll mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fit-5 ta' Mejju, 2008 is-socjeta attrici ghamlet rikors sabiex it-Tribunal jordna kjamat in kawza lil Maryanne Debono ful-proceduri. Dan ir-rikors gie milqugh u nhatar Dr Martin Fenech bhala kuratur. Il-kuratur min-naha tieghu pprezenta risposta fit-12 ta' Gunju, 2009 u eccepixxa li huwa mhux edott mill-fatti u rrizerva li jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal ra x-xhieda ta' Joseph Mula u d-dokumenti pprezentati. Joseph Mula spjega illi Charles Baldachhino kien sub agent tal-Elmo Insurance u kienu johorgulu poloz ta' assikurazzjoni on account. Charles Baldacchino kien jigbor il-flus u mbaghad ihallas lill-assikurazzjoni. Imbaghad kien ghamel zmien li waqqaf il-pagamenti.

Xehed ukoll Norman Brown illi qal li kien jaf lil Charles Baldacchino billi dan kien imur igedded il-poloz tan-nies u jaghmel il-pagamenti wara. Xehed ukoll  illi l-kontjiet kienu jinhargu f'ismu. Dan kien arrangament verbali u Charles Baldacchino kien jerfa r-responsabilta tat-terzi persuni.

Xehed Lino Ferris li spjega li Charles Baldacchino kien jiehu hsieb l-ufficju ta' l-Allcare Insurance u li kien licenzjat biex jaghmel business transaction ghan-nom taghhom. Qal illi kien hemm certu poloz illi ma setax jassikurahom mal-Allcare u allura kien imur ghand l-Elmo fil-Branch ta' Cospicua.

It-Tribunal wara li ra d-dokumenti pprezentat u wara li ra li l-konvenuti rrinunzjaw ghall-wirt ta' Charles Baldacchino.

Ra wkoll illi l-kjamat in kawza ma resqet ebda prova biex tikkondradixxi l-provi migjuba mis-socjeta attrici.

Ra wkoll in-nota ta' sottomissjonjiet tas-socjeta attrici.

It-Tribunal ikkunsidra:

Illi din hija kawza ghal hlas ta' premiums li hargu f'isem Charles Baldacchino li baqa ma hallashomx. Wara li miet dan l-ammont intalab minghand il-werrieta tieghu u cioe minghand martu u wliedu. Illi martu u wliedu msemmija fil-kawza rrinunzjaw ghal wirt tieghu pero kien hemm talba ghall-kjamat in kawza ta' bintu werrieta ohra Maryanne Debono li baqghet ma rrinunzjatx ghal wirt.

Illi t-Tribunal jara illi dan huwa dejn illi sar minn Charles Baldacchino fil-kors tax-xoghol tieghu bhala licensed sub-agent. Illi peress illi id-dejn jirrizulta anki mix-xhud Lino Ferris li kien sar fuq xoghol allura ma kienx hemm bzonn awtorizazzjoni ta' martu. Minkejja dan pero skond l-Artiklu 1324 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta din ma taqax taht dejn illi jitghabba fuq il-komunjoni tal-Akkwisti. Ghalhekk meta Josephine Baldacchino rrinunzjat ghal wirt ta' zewgha hija kienet qed tirrifjuta kemm ghal gid kif ukoll ghad-dejn li kellu zewgha minghajr ma' baqa ebda piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti.

Min-naha ta' wlied Charles Baldacchino u cioe Charles u John Baldacchino li rrinunzjaw ghal wirt ta' missierhom dawn ghalhekk ma ghandhomx x'jaqsmu ma gid jew dejn li kellu missierhom.
Mill-banda l-ohra hemm Maryanne Debono illi baqghet ma rrinunzatx ghall-wirt ta' missierha u ghalhekk sa llum ghadha tirrispondi ghalih.

Ghalhekk it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jichad it-talbiet fil-konfront ta' Josephine Baldacchino u ulieda Charles u John Baldacchino u jikkundanna lil kjamat in kawza Maryanne Debono bhala werrieta ta' missierha thallas is-somma ta' elfejn disgha mija u disgha u sebghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (Lm1279.24) u cioe ekkwivalenti ghal elfejn, disa' mija disgha u sebghin ewro u tlieta

tmenin centezmu (€2,979.83). Flimkien mal-imghax legali mid-data tas-sentenza.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-kjamat in kawza Maryanne Debono.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------